

L-Ewwel Sena | LULJU - SETTEMBRU, 1955 | Għadd 3

*"Super Muros Tuos Jerusalem, Constitui Custodes"*

# LEHEN
# L-ART IMQADDSA

QARI
LI JOĦROĠ KULL TLIET XHUR
MILL-KUMMISSARJAT TAL-QABAR TA' KRISTU
F'MALTA

Mitbugħ fl-EMPIRE PRESS, 266, Triq San Pawl, Il-Belt.

# IMSEĦBIN ĠODDA F'DIN IR-RIVISTA

Azzopardi Piju, Żabbar; Attard Pawlu, Żabbar; Attard Nazzarenu, Żebbuġ; Azzopardi Giuseppa, Misidà; Agius Ferranti Mary, Sliema; Apap Bencini Mary, Sliema; Agius Manwel, Valletta; Aquilina Prof. Ġużè, Furjana; Armeni Karmenu, Bormla; Attard Antonio, Valletta; Avellino Concetta, l-Isla; Azzopardi Duminku, Gżira; Azzopardi Karmena, Vittorja, Gozo; Azzopardi Luigia, Marsa; Attard Rosarja, Sliema.

Brincat Lorenza, Żebbuġ; Butigieg, Enrichetta, Żebbuġ; Bezzina Ġuditta, B'Kara; Bencini John, Sliema; Bencini Anna, Sliema; Boffa, Onor. Dr. Pawlu, Raħal Ġdid; Bonavia Brothers, Ħamrun; Briffa Salvina, Żurrieq; Bugeja Pawla Żurrieq; Borg Karmenu, Ħamrun; Benetti Giużeppi, Furjana; Briffa Luigi, Balzan; Briffa Evanġelista, Balzan; Bugeja Carmelo, Imqabba; Brincat Salvu, Balzan; Brincat Alfredu, Balzan; Borg Reno, Sliema; Borg Karmenu, Valletta; Bailey Concetta, Bormla; Butigieg Clara, Bormla; Bonello Rosy, Bormla; Bonnici Dolores, Naxxar; Borg Luigi, Naxxar; Borg Filomena, Naxxar; Bonavia Teresa, Naxxar; Borg Antonia Mellieħa; Borg Sac Francesco, Vittorja, Għawdex; Baldacchino Ġużeppi, Żebbuġ; Borg Bonaci Emmanuele, Valletta; Bondin Salvu, Luqa; Burt Jean, Żejtun.

Coleiro Rosina, Żebbuġ; Calleja Evelina, Mosta; Chetcuti S., Sliema; Chetcuti Ġużè, Furjana; Caruana Vincent, Ħamrun; Cilia Concetta, Valletta; Crescimanno Francesca, Ħamrun; Camilleri Orsola, Ħamrun; Camilleri Filippu, Ħamrun; Cassar Manwel, Imsida; Cremona Maria, Valletta; Camilleri Carmena, Zurrieq; Curmi Tereża, Valletta; Cassar Ġużeppi, Birżebbuġia; Cilia Grazia, Qormi; Cassar Vittorina, Imsida; Camilleri Franġisku, Ħamrun; Coleiro Franġeska, Furjana; Cefaì Eufemia, Furjana; Camilleri Kalċedon, Balzan; Cauchi Mary, Bormla; Ciappara Vincent, Naxxar; Camilleri Maria, Naxxar; Cachia Vittorja, Naxxar; Cuschieri Rosy, Gżira; Celeste Carmnu, Birżebbuġa; Cauchi Mary, Ħamrun; Cachia Don Giuseppe, Ħamrun; Cutajar Emmanuele, Valletta; Curmi Joe, Ħamrun; Carbonaro Carmena, San Ġiljan; Caruana Marianna, Żurrieq.

Deguara Tereża, R. Ġdid; Darmanin Vittorja, Lisla; Deguara Pawlu, Rabat; Degiorgio Ġanni, Tarxien; Dunford Gladys, Sliema; Debono George, Qormi; Dimech Anthony, Naxxar; D'Agata D., Sliema; Darmanin J.F., Kalkara; Debattista Ġorġ, Imsida; Debono Stella, Gżira; Demajo Mikiel, Sliema.

Ellul Ġużeppi, Bormla; Ellul Anġela, Valletta; Ellul Pawlu, Valletta;

Fenech J., Sliema; Fenech Ġużeppi, Sliema; Farruġia; Roberts Manwel, Imsida; Farrugia Ġuża, Zurrieq; Farrugia Katarina, Zurrieq; Farrugia Evanġelista, Żurrieq; Fenech Manwel, Valletta; Felice Carmena, Ħamrun; Fiorini Alfred, Lisla; Farrugia Manwel, B'Kara; Farrugia Don Carmelo, Zabbar; Farrugia Ġeraldu, Raħal Ġdid; Frendo Emmanuele, Ħamrun; Farrugia Marija, Raħal Ġdid; Falzon Rosina, Sliema.

Galdes Michelina, Qormi; Galea M., Sliema; Galea Emilja, Sliema; Galea Mikiel, Lisla; Galea Katarina, Valletta; Griscti Marianna, Zurrieq; Grech Annunzjata, Ħamrun; Galea Victor, Furjana; Galea Alfredu, Furjana; Grima Marija, Furjana; Galea Vittorja, Naxxar; Grech Dr. Umberto, B'Kara; Gatt Spira, Marsa; Galea Ġużeppi, Ħamrun; Ginies Lino, Sliema; Ġerada Pawlina, Zejtun; Holland Ġulja, Furjana; Heywood Erminja, Valletta; Hutchings Annie, Furjana.

(*Jissokta f'ħarġa oħra*)

# LEHEN L-ART IMQADDSA

QARI

MAĦRUĠ MILL-KUMMISSARJAT TAL-QABAR TA' KRISTU F'MALTA

L-Ewwel Sena | LULJU - SETTEMBRU, 1955 | Għadd 3


## X'FIH DAN IL-GĦADD


Assumpta est... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... 46

Xbieha u Barka tar-Rev.mu P. Wistin Sepinski, O.F.M. (il-115-il Ġeneral minn San Franġisk) ... ... ... ... ... ... 47


### L-Ewwel Taqsima — DAWL


Il-Qabar tal-Madonna (Fra Mosè, O.F.M.) ... ... ... ... ... ... 48

Dar Santa Liżabetta (Fra Zarenu, O.F.M.) ... ... ... ... ... ... 50

Fuq it-Tabor (Ben Jehuza) ... ... ... ... ... ... ... ... ... 53

Il-Mewt ta' San Ġwann il-Għammiedi (Fra Elija, O.F.M.) ... ... ... ... 57


### It-Tieni Taqsima — IMĦABBA


Damasku u l-Martri Tagħna (P. Marjanu Vella, O.F.M.) ... ... ... ... 59

Kif Wasalt Ġerusalem (Elsie) ... ... ... ... ... ... ... ... 62


### Minn Hawn u Minn Hemm


Aħbarijiet ta' Barra ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... 66

Aħbarijiet ta' Malta ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... 68


---


Direzzjoni: W. R. P. Nikola Magro, O.F.M., Kummissarju tat-Terra Santa.
Amministrazzjoni: R. P. Valentin Cardona, O.F.M., Viċi Kummissarju,
Kummisserija tat-Terra Santa, Kunvent ta' Ġieżu, Il-Belt.

# ASSUMPTA EST....



*Btala ta' dwal u dija, ta' hena u mħabba, ta' safa u qdusija! Fis-Saltna tas-Sema, ġriet ħafifa l-aħbar. Marija, l-Omm ħelwa ta' Ġesù, wara li temmet il-jiem tagħha fil-Wied tad-Dmugħ, se tiġi mtellgħa fis-Sema. Il-Ġenna kienet għagħa waħda. Mewġa kbira ta' ferħ ħakmet is-Saltna t'Alla. L-Anġli, libsin l-abjad u b'terħa tad-deheb ma' qaddhom, taru ferrieħa u ħallew ilsienhom għal għana l-aktar ħlejju. Bil-qawwa ta' Binha l-Feddej, Marija rebħet il-mewt, u tielgħa rebbieħa fis-Saltna. Bil-ġisem ukoll, għax:*

Kien ikun għajb illi s-Santwarju t'Alla
Jintradam qalb it-trab u ħerba jsir
Bħal iġsma oħra, wirt id-dnub li tiegħu
Ġisem Omm Verġni qatt ma kien irsir.
(K. Vassallo).

*Wiċċha kien qed jarmi mrieżaq ta' dawl u dija; ilbiesha, abjad bla mikta, kien qed ilellex donnu frak tal-fidda; il-ħarsa safja ta' għajnejha kienet fiha seħer. Sabiħa! L-Anġli baqgħu mgħaġġba b'dik is-sbuħija li kienet se tkun is-Sultana tagħhom. U ferħu, u għannew. Fil-beraħ tas-smewwiet kien hemm għaxqa. Il-jiem tad-dieq u l-qtiegħ il-qalb, il-jiem li raw għajnejn Marija jilmaw bid-dmugħ tan-niket, intemmu. Ma' Kristu Binha xxierket fit-tbatija u miegħu tix-xierek fil-ġieħ u fil-glorja. Il-Madonna qasmet ma' Ġesù t-triq imxewka tal-Kalvarju u l-lum għaddejja mit-triq tal-glorja. Id-dmugħ li xerrdet fil-jiem tat-tbatija, inbidel f'ġawhar li jsebbħu l-kuruna li Alla l-Missier se jserraħ fuq rasha.*

*U l-ġrajja tat-Tlugħ ta' Marija fis-Sema, ġriet minn fomm għall-ieħor. L-Appostli, imqanqla, qaluha lill-Insara. U l-Insara emmnu u faħħru 'l Alla. Iżda kienu jafu li Ommhom Marija, bint Eva bħalhom barra l-ħtija, kienet fis-Sema u setgħet tidħol għalihom u tfarraġhom. U minn din l-Emmna twieldu l-imqades f'ġieħ l-Assunta. Mill-kbar, għonja, sa lanqas wieħed fil-beraħ tar-raba' jħaddar.*

*Iżda l-qalb li tħobb, toħlom dejjem kif tista' tgħolli aktar 'il fuq fil-ġieħ lil min tħobb. U dan ħassitu wkoll il-qalb ta' l-Insara, u ħarsu lejn il-Belt ta' dejjem, xewqana li l-fomm tal-Papa jgħid l-aħħar kelma. Id-Dinja Kattolika, għarkobbtejha għad-dell tal-Vatikan, talbet lill-Papa jxandar Domma tat-Twemmin tagħna, it-Tlugħ ta' Marija fis-Sema. U minn fuq it-Tron ta' Pietru, Piju XII qal il-kelma u nieda t-Tlugħ ta' Marija fis-Sema bir-ruħ u l-ġisem bħala Domma.*

*U d-Dinja Kattolika emmnet u tat ġieħ 'l Alla. U taħt is-sema kaħlani li għatta l-Belt ta' Dejjem fil-għodwa xemxija ta' l-1 ta' Novembru 1950, il-qlub ħabbtu b'ritmu ta' mħabba ġdida, u mill-għajnejn nibet dmugħ ta' faraġ.*

*Fuq id-Dinja f'riġlejn il-Vigarju ta' Binha, l-Assunta kienet qed titbissem it-tbissima ssaħħar ta' l-Imħabba.*

# XBIEHA U BARKA

## TAR-REV.MU P. WISTIN SEPINSKI, O.F.M.

(IL-115-IL ĠENERAL MINN SAN FRANĠISK)



*B'hena kbir nilqa' u ngħożż il-ħarġa tar-Rivista ġdida li ġġib l-isem LEĦEN L-ART IMQADDSA. Hi xewqa l-aktar sħiħa tiegħi li l-għan ewlieni ta' dan il-perjodiku jkun it-tixrid dejjem akbar ta' l-imħabba lejn l-Artijiet Imqaddsa fost il-qarrejja kollha ta' l-ilsien Malti. Għalhekk f'isem il-Qaddis Serafiku San Franġisk jiena nixħet il-barka tiegħi fuq din ir-Rivista, fuq il-mexxej tagħha, kittieba, benefatturi, u qarrejja kollha b'rahan ta' kull riżq għaż-żmien ġejjieni.*

*Ruma, Nhar il-Festa tal-Gandlora, 2 ta' Frar 1955.*

*P. WISTIN SEPINSKI, O.F.M.*
*Ministru Ġeneral ta' l-Ordni.*

# IL-QABAR TAL-MADONNA

*(15 ta' Awissu)*

Kif juri l-isem ta' hawn fuq, hawn sa nitħaddtu fuq il-Qabar tal-Madonna. Jiġifieri, fuq dik in-naqra ta' kamra fil-blat — kif kienu dak iż-żmien l-oqbra tal-Lhud — li fiha l-Appostli qegħdu l-Ġisem Safi ta' Marija, Omm Ġesù, u minn fejn, wara żmien qasir, telgħet is-sema bir-ruħ u l-ġisem.

Billi dan ilu li ġara żmien twil, u billi l-Palestina, fejn ġara hija art bgħida ħafna minn Malta, biex il-qarrejja tagħna jifhmu sewwa (għax jekk ma jifhmux, għalfejn jaqraw?) jaqbel li qabel xejn nagħtuhom xi tifsir. U dan it-tifsir, dejjem biex jifhmu sewwa, inġibuh ftit mill-bgħid.

* * *

Mela l-Lhud, għal ħabta taż-żmien li kienet ħajja l-Madonna, meta l-Palestina kollha, u biċċa mit-Transġordanja wkoll, kienet art tagħhom, ġo kull belt u kull raħal kien ikollhom knisja. Għedt *knisja,* mhux *sinagoga,* għaliex huma bil-lsien tagħhom hekk kienu jgħidulha: *Kenise,* qisu bħalna l-Maltin; *sinagoga* hija kelma Griega li tfisser: *ġemgħa ta' nies.* Mela knejjes kien ikollhom ħafna, waħda f'kull raħal, imma Hakel, jew bil-Latin *Tempju* (aktarx mill-Grieg: *Temenos,* li tfisser: masġar imqaddes), kellhom wieħed biss: ġewwa Ġerusalem.

Dan jinħtieġ nifhmuh, għax hawn Malta, bosta drabi tisma' 'l-min jgħid li *knisja* hi *tempju.* Issa billi fl-antik kien hawn żewġ djiena (reliġjonijiet) kbar, tal-Lhud f'Ġerusalem u tal-Pagani f'Ruma, u aħna l-Insara ġejna finnofs, meta ngħidu li tempju hu knisja, inkunu qegħdin nitħadtu bħal Pagani, għax għalihom hekk kien, *tempju,* jiġifieri knisja. Imma aħna hawn sa nitħaddtu fuq il-Lhud. Għalhekk, jekk ngħidu li tempju u knisja kienu xorta waħda, ma niftiehmux.

Is-sinagoga, jew knisja tal-Lhud kienet tkun qisha knisja ta' l-Insara. Jew aħjar, il-knejjes ta' l-Insara huma mtennija, jew *ikkopjati,* minn fuq il-knejjes tal-Lhud. Bħal ma aħna għandna fil-knejjes il-presbiterju, huma għandhom il-*bema;* bħal ma aħna għandna t-Tabernaklu, huma għandhom it-*Tiq.* Bħal ma fit-Tabernaklu jinżamm il-Qorbân, fit-Tiq tagħhom jinżammu l-Kotba Mqaddsa (ġewwa senduq żgħir, jgħidulu *tebuta*). Bħal ma aħna nħallu dawl jixgħel lejl u nhar quddiem il-Qorbân, hekk huma jħallu dawl quddiem il-Kotba. U n-nofs tal-knisja jgħidulu *korsija,* bħal ma ngħidulu aħna hawn Malta wkoll.

* * *

Mela l-Insara, knejjes bħal tal-Lhud għandhom, imma Tempju (il-Lhud jgħidulu *Ħakel*) bħal tagħhom fid-dinja kollha, ma għandhomx, u anqas kellhom f'ebda żmien. Jew, jekk kellhom, meta l-insara kienu għadhom Lhud, fi żmien San Pietru u San Ġakbu. Jiġifieri meta l-Insara kienu meqjusin mill-Lhud, bħala Lhud Xismâtki, u t-Tempju tal-Lhud kien tagħhom ukoll, għax kienu jħalluhom jidħlu fih.

"Imma jekk dan it-Tempju ma kienx knisja, mela x'kien?" isaqsi xi ħadd.

It-Tempju, l-Lhud kienu jgħidulu Ħakel, li tfisser *għalqa* (aħna l-Maltin *ħakel,* għalqa, għawwiġniha f'*ħabel*), għax fil-bidu kien għalqa tassew. David kien xtraha minn għand sidha,

li kien hemm jidres fuq l-andar, u debaħ il-baqar hemm u ħaraqhom quddiem Wiċċ Adonai. (II Slaten, XXIV). Imbagħad, snin wara, dik il-għalqa, Salamun għamilha għall-qima t'Alla, b'ħafna bini sabiħ, kif miktub fil-Kotba Mqaddsa. Il-bini twaqqa' u nbena xi darbtejn, u fl-aħħar kabbru u bnieh mill-Ġdid Erodi x-Xiħ, dak li meta kien sa jmut hu twieled il-Bambin.

Dan it-Tempju, jew Ħakel, kien bejn wieħed u ieħor hekk: misraħ kbir, *rettangolari*, jiġifieri b'erba' ħitan, tnejn quddiem tnejn. Ma' kull ħajt, sarbut loġoġ. Quddiem il-loġoġ, wesgħa, bħal bitħa li kien jista' jidħol fiha kull ħadd. Wara din il-bitħa, bini fuq erba' naħat ukoll, imbagħad bitħa oħra, tan-nisa. Minn din, bieb kbir bit-taraġ, kien jagħti għall-bitħa ta' l-irġiel. Ġewwa din il-bitħa, midbaħ (artal) kbir, fejn jaħarqu l-bhejjem f'ġieħ Alla. U fl-aħħar, wara l-midbaħ, żewġ kmamar, imdaqqsin, waħda tinfed ma' l-oħra, mifruda bi star jew *purtiera*. Lil hemm mill-istar, ħadd ma kien jista' jidħol, għajr darba fis-sena l-Qassis il-Kbir.

X'kien fiha l-kamra ta' ġewwa, fejn jidħol darba fis-sena l-Qassis il-Kbir? Xejn. Kienet baħħ. Kamra bla twieqi, fiergħa u mudlama. Imwaħħla fl-art, f'nofsha kien hemm ġebla mrebbgħa, donnha mejda; meta jidħol il-Qassis il-Kbir kien ibaħħar din il-ġebla bi bħur ifuħ, minn mabħra tad-deheb u jerġa' joħroġ, u barra bid-daqq.

Imma l-Lhud kienu jgħidu li ġewwa dik il-kamra mudlama kien hemm ix-*Xekna*. Ix-Xekna tfisser: il-Għammara (kieku bil-Malti ngħidu s-Siekna, dik li tiskenn), jiġifieri Ruħ il-Qodos, jew ruħ Alla, fl-għamara tagħha fuq l-art. U għal hekk kull meta jsellu kienu jieqfu jew jirkgħu (joqgħodu għar-rkubtejhom) wiċċhom 'l hinnekk.

* * *

Issa, dan il-Ħakel qiegħed fuq sur, u taħt is-sur hemm wied. Il-wied ilium għandu ħafna ismijiet. L-eqdem isem aktarx hu: Il-Qagħ (il-qiegħ). L-ismijiet l-oħra huma: wied ta' Ċedron, wied ta' Josafat, wied in-Nar u wied Sidti Miriam. Min qatt ma mar Gerusalem u jikteb fuq hemm, daqqiet idaħħkek, għax l-ismijiet jaħsibhom mhux ta' wied wieħed, imma ta' ħafna widien (jgħidlek: mill-wied ta' Ċedron tgħaddi għall-wied ta' Josafat,... bħal min jgħid: minn Raħal Ġdid tgħaddi għal Casal Paula. Ara Masini, Passjoni ta' Kristu, faċċata 20).

Wara dan il-wied, hemm *muntanja* għolja, dik li f'Malta jgħidulha *muntanja* taż-Żebbuġ, imma Ġerusalem isibuha: Ġebel iż-Żejtun. Fuq il-ġenb ta' Ġebel iż-Żejtun, dak li jħares lejn il-Ħakel, jew Tempju, miżgħud bl-oqbra. Eluf u eluf ta' oqbra. Donnhom kantuni ftit kbar, wieħed ma' ġenb l-ieħor, imma taħt kull kantun hemm ħofra u ġewwa l-ħofra hemm Lhudi midfun. Għax il-Lhud, hemm, lil nieshom jiksrulhom riġlejhom qabel ma jidfnuhom, u jidfnuhom kobba, għal hekk l-oqbra tagħhom żgħar.

Dan mhux fi żmienna biss li l-Lhud iħobbu jindifnu hemm. Din id-drawwa bdiet fl-antik. Kienu jindifnu hemm biex ikunu qrib il-Ħakel, quddiem l-Għamara tax-Xekna, jew ir-Ruħ t'Alla. Ġewwa dak il-wied hemm tliet oqbra kbar, maqtugħin fil-blat, tnejn donnhom mawsolej u wieħed maqtugħ fil-wieqaf, bil-kolonni, donnu dħul ta' palazz. Dawn dejjem għandhom fuq l-elfejn sena. U l-Qabar tal-Madonna qiegħed hemm ukoll, fil-wied ta' Josafat, u bħall-oqbra ta' l-għonja l-oħra, maqtugħ fil-blat.

Dan il-wied, minn elfejn sena 'l hawn m'għadux bħal ma kien sewwa. Għax l-ilma, meta jiġri l-wied, wara x-xita, iġorr fih in-naqal. U żid il-kotra

ta' trab u żrar li tefgħu minn fejn il-Ħakel, fuq is-sur, għal ġewwa l-wied. B'dan, il-qiegħ tal-wied għola, u l-Qabar tal-Madonna m'għadux fil-ġenb tal-wied, bħal ma kien meta tħaffer, imma jinsab taħt l-art u trid tinżel fih ma' taraġ twil.

* * *

Ejjew ngħidu ftit il-Qabar tal-Madonna kif inhu. Mela, toħroġ minn Ġerusalem mill-Bieb ta' San Stiefnu, timxi mas-sqaq ta' quddiemu u ssib ruħek fi triq wiesgħa, bl-asfalt, għannieżla. Tinżel ftit u tara ġnien sabiħ fuq ix-xellug, u ma' ġenb il-bieb tal-ġnien taraġ żgħir. Tinżel miegħu u tiġi f'bitħa. Max-xellug, fil-bitħa, tara bieb ta' knisja mingħajr knisja. La faċċata, la kanpnari, la koppla, xejn. Bieb biss u fuqu saqaf. Dan il-bieb jagħti għall-Qabar tal-Madonna. Dan kien tal-Franġiskani, imma issa m'għadux. Mitejn sena ilu ħaduhulhom. Xi darba ngħidu kif.

Mela ħdejn il-bieb li semmejna jkun hemm qassis Grieg, li jekk tidħol jagħtik xemgħa rqiqa mixgħula u tinżel ma' taraġ twil u wiesa'. Tasal f'art watja u fid-dlam magħqud. Il-qassis jieħdok lejn il-lemin fejn hemm kamra żgħira maqtugħa fil-blat, u ġewwa fiha biċċa blata mħollija mal-ħajt, donnha gradenza. Hemm il-Qabar tal-Madonna. Fuq dik il-biċċa blata l-Appostli qiegħdu l-Ġisem Safi ta' Marija, Omm il-Bambin, u għalqu l-bieb b'ħaġra, u marru minn hemm.

San Tumas ma kienx ma' l-Appostli f'Ġerusalem, meta mietet il-Madonna. Għal hekk, kif ftit wara wasal, riedhom jiftħulu l-qabar ħalli jaraha għall-aħħar darba. Meta fetħuh, ma sabuhiex hemm. Għal dan, San Tumas sogħob bih wisq, u qagħad fuq ġebla barra, fil-wied, inewwaħ u jixher. Il-Madonna reġgħet niżlet mis-sema u sabbritu biddehra tagħha u qaltlu li Hi qegħda bir-Ruħ u l-Ġisem ma' Binha Ġesù. Imma dan kull ħadd jafu, għax fil-priedki dejjem igħiduh.

*Fra Mosè, O.F.M.*

---

# DAR SANTA LIŻABETTA

*(2 ta' Lulju)*

Fl-aħħar għadd ta' dan il-qari fissirna kif inhu r-raħal ta' Għajn Karem, fejn twieled San Ġwann il-Għammiedi, u ġibna wkoll ix-xbieha tiegħu meħuda minn bgħid. U għedna li xi elfejn sena ilu kien joqgħod fih il-qassis Lhudi Zaħarija, missier San Ġwann. Għalhekk din id-darba li sa nerġgħu nsemmu knisja oħra li qiegħda wkoll fih, fejn kienet dar oħra ta' Zaħarija (għax dan ġewwa Għajn Karem kellu żewġt idjar, jew aħjar, dar u razzett), ma hux meħtieġ li nerġgħu nfissru kif inhu dak ir-raħal, għax il-qarrejja jafu sew. Għalhekk nibqgħu sejrin biż-żjara li bdejna dik inhar.

Minn ħdejn il-għajn ta' l-ilma li semmejna dik id-darba, nibqgħu deħlin 'il ġewwa mat-triq; lejn ix-xellug ikollna ħajt, ftit għoli, mibni tajjeb u mkaħħal, u warajh, fil-għoli, djar, bejn is-siġar, u l-iġbla aktar 'il fuq; u lejn il-lemin, il-bqija tal-ħofra bis-siġar, li konna semmejna wkoll. Imbagħad it-triq tinferaq fi tnejn: il-fergħa ta' quddiem, triq ħażina, kollha ħofor u blat, tieħu għax-xòri; u l-fer-



**Iż-żewġ knejjes, waħda fuq l-oħra, fejn kienet id-dar ta' Żaħarija.**

għa l-oħra, tax-xellug, telgħa mħarb-ta, kollha żrar u trab. Nitilgħu din, u nħarsu lejn il-lemin, fejn jidher ir-raħal kollu, bid-djar baxxi, bħad-djar il-qodma tar-rħula ta' Malta, u bid-Dejr il-kbir tal-Franġiskani li semmej-na dik id-darba, u żewġ djar oħra kbar: l-iskola tal-Franġiskani u d-Dejr tar-Raħbiet ta' Père Alphonse Marie Ratisbonne (li kien Lhudi u qaleb Nisrani). Hemm ukoll kappella żgħi-ra ta' l-Insara Griegi Ortodossi, b'na-qra ta' kanpnar b'qanpiena waħda. Imbagħad għelieqi, bil-ħitan tas-sej-jieħ, bħal ta' Malta xorta waħda, u aktar 'l hinn, 'l isfel, wied wiesa' bis-siġar, u wara l-wied, iġbla, kollha xô-ri u blat.

Nibqgħu telgħin sakemm it-telgħa tagħlaq. Fl-aħħar tagħha, in-naħa l-

leminija. hemm dar kbira u n-naħa l-oħra xatba jew *kančell* tal-ħadid, li 'l ġewwa minnu tidher bitħa. Indoqqu l-qanpiena u jiġi jiftħilna Raħeb Franġiskan, fuq xufftejh tbissima talmerħba, u nidħlu ġewwa.

Fil-bitħa, fuq ix-xellug, naraw bieb li jagħti għal maqbar. Quddiem il-bieb xi siġar tal-palm, u wara l-ħajt, imxerrfa minn fuqu, siġar taż-żnuber u taċ-ċipress. Fuq il-lemin, ħitan għolja u qawwija, mibnija mis-Salibijin (jew *Crociati*), bi twieqi dojoq fihom, biex, fil-ġlied, itajru l-vleġeġ minnhom. U quddiemna loġoġ, ġodda u sbieħ, u fuq il-loġoġ knisja. Ir-Raħeb jeħodna taħt il-loġoġ, jurina knisja oħra taħt, għax għad li ta' taħt ma tidherx, il-knejjes huma tnejn: knisja fuq oħra.

Din ta' taħt, tinsieħ knisja għaliex fiha żewġ artali, imma l-bini tagħha ma hux bini ta' knisja. Kamra mdaqqsa, b'artal tar-rħam mal-ħajt ta' biswit il-bieb, u fir-rokna tal-lemin, bħal għar imħaffer fil-blat, li jibqa' dieħel 'il ġewwa għal tul ta' xi tmintax-il xiber. Ġewwa nett, f'dal-għar, hemm artal ieħor, u ma' ġenb l-artal, għajn ta' l-ilma, ċar u ħelu, li jinġabar f'bir żgħir, u min irid jixrob minnu, jimla ftit ilma b'satal li hemm għal daqs hekk. Ma' ġenb dal-għar, għoli m'-ogħla xi żewġt irġiel, hemm biċċa blata, xi daqs lenbija, imwaħħla fil-ħajt, li donnha kienet xi darba ratba bħal għaġina u xi ħadd għaffeġ xi ħaġa fiha. It-tagħrifiġa li hemm f'nofsha jgħidu li saret billi Santa Liżabetta ħbiet lil San Ġwann meta kien għadu tarbija, biex ma teħodulhiex nies Erodi, meta ħarġu jiġbru s-subien għall-qtil.

Il-knisja ta' fuq inbniet fis-sena 1939 fuq is-sisien ta' knisja qadima. U kif kienu fix-xogħol, il-Franġiskani, ġeddu wkoll il-knisja ta' taħt. Qabel ma bdew ix-xogħol, ħaffru ħalli jaraw fil-bidu dik il-kamra x'kienet. Sabu li kien hemm ħawt kbir li kien jinġabar fih l-ilma tal-għajn li hemm fil-għar, u ma' ġenb il-ħawt, xi bini. Donnu li hemm kienet xi dar tar-raba': il-kamra t'isfel fejn tintrafa' l-għodda u jinżammu l-bhejjem, il-ħawt fejn jinġama' l-ilma biex isaqqu l-ħxejjex, u l-kamra ta' fuq, akbar minn ta' taħt, fejn jgħammru n-nies. Billi nafu li l-Lhud kienu kollha mamurin li jaħdmu xi xogħol (San Pawl ħalla miktub li kien jinseġ, għad li kien tat-tajjeb, għax kien *Cives Romanus*), jagħtik x'taħseb li Zaħarija meta kien imur id-dar wara l-ġimgħa ta' qadi fil-Hakel, ma kienx joqgħod qagħad, imma jaħdem fil-ġonna li kellu hawnhekk.

Il-Franġiskani meta reġgħu bnew il-knisja ta' taħt, fis-saqaf u l-ħitan, għamlu xbiehat sbieħ *affresco*, jiġifieri msawra biż-żebgħa fuq it-tajn artab, qabel ma nixef. Fis-saqaf hemm xbieha ta' dielja tal-għeneb bil-għenieqed imdendla. Dan għandu x'jaqsam ma' l-isem tar-raħal, għax "Karem" tfisser għalqa dwieli. U mal-ħitan hemm tliet xbiehat: waħda l-Qassis Zaħarija, ibaħħar l-artal; oħra Santa Liżabetta mħaddna mal-Madonna; u t-tielet Santa Liżabetta wkoll, taħrab lejn ix-xôri b'San Ġwann tarbija, biex nies Erodi ma teħodulhiex. L-art tal-knisja tal-ħaġar, imma f'nofsha hemm roqgħa tal-mużajk, għamla ta' ħasira. L-art tal-għar fejn hemm il-bir, mużajk ukoll, għamla ta' mewġ bil-ħut jaqbeż fih.

Noħorġu mill-knisja ta' taħt u nduru lejn il-lemin u nitilgħu ma' taraġ wiesa', imdawwar garigôr imdellel bis-siġar, u nidħlu minn xatba ta' l-inħâs fil-knisja ta' fuq.

L-apside ta' dil-knisja, jiġifieri n-nofs qawra ta' wara l-artal, maqtugħa fil-blat; u l-art u sehem mill-ħitan, tal-blat ukoll. L-art ta' dil-knisja miksija bil-mużajk, bi xbiehat ta'

kull xorta ta' ward u bhejjem, tajr u ħut. Fuq l-artal u warajh (għaliex l-artal ma jmissx mal-ħajt) hemm xbieha tal-Madonna qiegħda ssamma' l-għanja tagħha tal-*Magnificat*, imdawra bl-Anġli. Fil-ħajt tax-xellug, jidhru l-Anġli jdoqqu u jgħannu għana tas-sema, u fil-lemin, quddiem ħames twieqi, xbiehat tal-ħames ismijiet tal-Madonna: 1, Omm Alla; 2. Imnissla mingħajr tebgħa; 3, Qassâma tal-Ħnieniet; 4, Għajnuna ta' l-Insara; 5, Maħrab tal-Midinbin. Il-pilastri bejn ix-xbiehat, fihom versi mill-*Magnificat*. Barra, fil-faċċata, hemm mużajk li juri l-wasla tal-Madonna, minn Nazaret għal Għajn Kârem.

Hekk, wara li nkunu sellimna lill-Madonna billi nfaħħruha b'xi tislija u nitolbuha taqgħelilna xi ħniena, noħorġu minn hemm ġewwa. Ninżlu filbitħa, fejn għas-safa ta' l-arja, il-heda, il-fwieħa tal-ward, il-ħdura tas-siġar, it-tpespis tal-għasafar, ma jkollniex qalb noħorġu minn hemm.

FRA ŻARENU, O.F.M.

---

# FUQ IT-TABOR

*(6 ta' Awissu)*

It-Trasfigurazzjoni ta' Ġesù, kulħadd jaf fejn ġrat, għax dejjem isemmuha fil-priedki. Ġrat fuq il-għolja tat-Tabor. Imma fejn qiegħda din il-għolja? Din qiegħda l-Palestina, ħdejn Nazaret, f'naħa jgħidulha l-Galilija.

### IL-GĦOLJA

It-Tabor jinsab fit-tarf ix-Xmieli ta' wetgħa kbira, bi tliet imniekeb. Din il-wetgħa għandha tul 24 mil u wisa' 10 (jiġifieri akbar minn Malta kollha, għax Malta fiha 17-il mil tul u 9 wisa'). Tinfirex mill-iġbla tal-Karmel, għall-iġbla ta' Nazaret u għas-Samarija. It-Tabor maqtugħ għalih waħdu fil-minkeb ix-Xmieli ta' dil-wetgħa. Għoli u mdawwar, kif jidher minn bgħid, donnu qanpiena. Għoli 1,650 xiber fuq il-wetgħa u 1,986 xiber fuq il-Baħar Mediterran. Fuq ġenbu, biswit Nazaret, hemm triq għall-karrozzi, kollha liwi u tagħwiġ (għax billi wieqaf, ma tistax taqta' fuqu triq *dritta*). Din it-triq għamluha l-Franġiskani fis-sena 1921, meta kienu jibnu, hemm fuq, il-knisja l-ġdida. Tawha l-asfalt is-sena l-oħra (1954). Hemm ukoll trejqiet jekk xi ħadd ikun irid jitla' bil-mixi.

It-Tabor ma hux xôri. Fuq il-ġnub tiegħu hemm qatigħ siġar żgħar, qerqnija. L-aktar li hemm ballut, imma hemm ukoll ħarrub u terebint. Fih ukoll xi għerien li jgħammru fihom il-bhejjem waħxija: dbugħa, jew *jieni*, u wawijiet, qishom klieb żgħar.

Il-quċċata tat-Tabor imdawra b'sur baxx, ta' żmien is-Salibijin (*Crociati*). Kif wieħed jitla' mat-triq tal-karrozzi, jiġi quddiem bieb f'dan is-sur. Il-bieb ikun magħluq b'sinsla ħoxna tal-ħadid. Fil-bieb hemm qanpiena, u malli dak li jkun idoqqha, jiġi jiftaħ il-bewwieb.

Minn dan il-bieb 'il ġewwa, hemm triq twila, wiesgħa u nadifa, f'nofs ta' wetgħa. Fil-ġnub tat-triq kollu għelieqi, u fil-għelieqi siġar sbieħ. Fuq il-lemin, wara ftit mixi, hemm kappella qadima u msewwija u fiha rħama mal-ħajt b'kitba bil-Latin: *Nemini dixeritis quod vidistis,* jiġifieri: "Tgħidu lil ħadd dak li rajtu", li huma l-

kelmiet li Ġesù qal lill-Appostli, biex ma jgħidu lil ħadd li rawh imsebbaħ, jew *ittrasfigurat*.

Wara ftit aktar mixi, quddiem, tidher knisja, li hi l-Bażilika l-ġdida, kbira u sabiħa, bini Siro-Romanesk, jiġifieri, bla koppla u kanpnari qosra u wesgħin. Bnewha r-Rħieb Franġiskani bejn is-snin 1921-24 bil-flus li bagħtulhom għalhekk l-Insara Amerikani. Berikha l-Kardinal Giorgi fl-ewwel ta' Ġunju ta' dik is-sena, 1924.

**IL-BAŻILIKA**

Il-knisja, minn ġewwa, wiesgħa u għolja, bi tliet navi. F'nofsha jinsab ~~idejhom merfugħa 'l fuq, riġlejhom~~ taraġ m'usagħ l-korsija, li jinżel bi tnax-il tarġa għal ġewwa Għar. Mhux Għar imħaffer fil-blat, imma mibni bil-ħaġar, donnu knisja taħt l-art. F'dan il-Għar hemm artal qadim li nstab qalb il-ħerba tal-knisja l-bikrija, u wara l-artal il-ħajt magħmul kollu tażżigieġ, biex jidħol minnu d-dawl. Fiż-żewġ ħitan, lemin u xellug, hemm xbiehat tal-mużajk, jiġifieri magħmula minn frak tar-rħam bil-lewnijiet. Ix-xbiehat huma tnax-il Anġlu, imqassmin tlieta tlieta; sitta fuq kull ħajt. L-ewwel tliet Anġli, fuq il-ħajt tax-xellug, ġwienħajhom nofs miftuħa, idejhom merfugħa 'l fuq, riġlejhom kemm imissu l-art, għajnejhom iħarsu 'l isfel u f'riġlejn l-Anġlu tan-nofs, fuq qabda ħaxix, mimdud ħlewwa ta' Bambin. It-tlieta l-oħra, bħal dawn xorta waħda, imma għajnejhom iħarsu 'l fuq u taħt riġlejn l-Anġlu tan-nofs kuruna tal-ward, u b'subgħajh, quddiem sidru, qiegħed iżomm il-Qorban Imqaddes. L-ewwel tliet Anġli, fuq il-ħajt tal-lemin, bħall-oħrajn ukoll, imma f'riġlejn l-Anġlu tan-nofs hemm ħaruf bil-qiegħda. It-tlieta l-oħra xorta bħal ta' qabilhom, imma l-Anġlu tan-nofs riġlejh imissu ma' bħal tebut tal-ħaġar, jew *sarkôfgu*. Dawn ifissru l-erba' tibdiliet ta' Ġesù: l-ewwel, sar bniedem; it-tieni, sar Ħobż; it-tielet, midbuħ bħal ħaruf; u r-raba' reġa' sar ħaj, meta qam minn bejn l-imwiet.



**It-Tabor kif jidher minn qrib Nazaret. Tidher ukoll it-triq il-ġdida fuq ġenb il-għolja.**

Maż-żewġt iġnub tat-taraġ il-wiesa', taħt in-navi, fuq, hemm żewġ tirġien oħra, taraġ ma' kull ħajt, li jitilgħu għal fuq donnha ħnejja, li tagħmel is-saqaf tal-Għar. F'ras kull taraġ hemm artal żgħir, artal tal-Madonna mnissla bla Tebgħa, u artal ta' San Franġisk, il-Qaddis tar-Rħieb. F'nofs dawna, fuq il-ħnejja, hemm artal kbir u sabiħ, u warajh, fil-ħajt, fil-għoli, xbieha ta' Ġesù Msebbaħ, jew *Trasfigurat*, fl-ajru, b'Mosè u Elija, wieħed kull naħa tiegħu, u t-tliet Appostli għar-

kubtejhom fl-art. Din ix-xbieha wkoll maghmula minn mużajk.

Minn ħdejn il-knisja, barra, jekk wieħed iħares fil-bgħid, jara dehra mill-isbaħ. In-naħa tax-Xmiel (nord) jidhru l-iġbla tal-Hermon, miksija bis-silġ, donnhom sħabiet bojod-kaħlanija; lejn l-Għarb, l-iġbla tal-Karmel u warajhom il-baħar. Lejn ix-Xerq, il-Bħajra ta' Tabarija, tleqq, donnha mera tal-fidda, imwaħħla ġo l-art, u x-xmara tal-Ġordan, fil-ħondoq tal-Għôr, qisha serp imqagħweġ ġewwa sieqja. U lejn il-qibla, il-għoljiet tas-Samarija.

### GĦID IT-TEĠELLA

It-*Trasfigurazzioni*, in-nies ta' hemm ighidulha Għid it-Teġella. Fil-5 ta' Awissu, mela, lejlet it-Teġella, l-Insara tar-rħula qrib it-Tabor, ihejju l-ikel u x-xorb u ħsajjar jew patanijiet, u għal fil-għaxija, meta tibred ix-xemx, jerħulha lejn it-Tabor, biex jgħaddu l-lejl hemm. Imorru rġiel, nisa u tfal, kulħadd ma' niesu. In-nies ta' Nazaret u r-rħula ta' qribha (bħal Jafa u Muġejdel) imorru bil-karrozzi tal-Lhud għad li jkun hemm ukoll min imur riekeb fuq xi debba jew xi ħmar jew imqar bil-mixi. Jieħdu magħhom li jkunu ħejjew u xi flixkun xorb igħidulu *għaraq* (li hu għaraq ta' bilħaqq, għax isir bil-lampik, mill-qxur tal-għeneb u l-għeruq tal-għenieqed, wara li jingħasar l-inbid; ikun togħma ta' mastika). L-iżjed li jmorru nies minn Nazaret, għax hemm l-aktar li hemm Insara. Xi ftit minn Kafar Kanna (Kana tal-Galilija) u wħud minn Hajfa wkoll. Mhux kattoliċi biss ikun hemm, imma Griegi Ortodossi wkoll u saħansitra xi Misilmin.

Meta jaslu fuq it-Tabor, jifirxu taħt is-siġar il-ħsajjar jew patanijiet li jkunu ġiebu, u n-nisa jqabbdu lit-tfal jiġbru l-biċċiet tal-friegħi nexfin u jagħmlu n-nar u jieħdu jsajru jew isaħħnu li jkunu ġiebu magħhom misjur. Irġiel imorru *jkejfu*.



Il-Bażilka tat-Tabor kif inhi minn barra.

Ikejfu jiġifieri: jiltaqgħu xi għaxra jew tnax-il raġel. Jieħdu magħhom il-flixkun għaraq u żir ilma u fwied mixwi ta' gidi jew ħaruf, u *qadaħ*, jiġifieri *tazza*. Joqogħdu bil-qiegħda dawwara mejt fuq xi blata jew xi mkien ieħor nadif fejn jidhru u jinstemgħu. Wieħed minnhom iferra' ftit għaraq fil-qadaħ u jżidu l-ilma. Inewwel naqra fwied mixwi lil kull raġel tad-dawra, u kif jiekluha, jixrob ftit għaraq hu l-ewwel, u jnewwel il-qadaħ lilhom, li jixorbu ftit minnu lkoll. Imbagħad

jaqbdu jgħannu. Wieħed igħid vers u l-oħrajn kollha flimkien iwieġbu bħalu. Jibqgħu sejrin hekk ħafna żmien.

Meta jgħejjew u jġugħu, imorru jistrieħu u jieklu. Imbagħad bil-lejl jerġgħu joħorġu, idoqqu ż-żmamar u jgħannu u jiżfnu. Ir-rġiel biss jagħmlu dan. In-nisa jibqgħu jħarsu minn bgħid. Is-subien jekk iridu jiżfnu għal rashom, imma mhux mar-rġiel. Meta jgħejjew imorru jorqdu u jdumu reqdin qatigħ wara tlugħ ix-xemx.

**IL-QUDDIESA**

Għall-ħabta tad-9 ta' fil-għodu jiġu r-Rhieb Franġiskani minn Nazaret u jġibu magħhom lis-subien tal-kant. Il-qniepen tal-knisja jieħdu jdoqqu u leħenhom jidwi fuq il-għolja għal golwetgħa u jinstama' mili bogħod. Innies tidħol il-knisja jibda jdoqq l-orgni u jinxtegħlu d-dwal.

Ir-Rhieb ikantaw it-Terza bil-kbir u wara ssir quddiesa Pontifikali mill-Patri Kustodju fl-artal il-għoli li semmejna moqbejl. Ikantaw ir-Rhieb u s-subien ta' Nazaret b'żewġt ilħna jew tlieta. It-tfal ta' Nazaret imsemmija għall-ħlewwa ta' leħenhom. Huma u t-tfal ta' Betlehem. Leħenhom donnu leħen ta' qniepen tal-fidda. Ma jinsabux bħalhom fil-Palestina kif iddur.

Qabel il-"Credo" Raheb jagħmel *kirża,* jew priedka bil-Għarbi. Imbagħad jibqgħu jkomplu l-quddiesa. Wara l-quddiesa l-mistednin tal-Franġiskani — konslijiet, qassisin u rhieb oħra, xi fizzjali tal-pulizija u hekk — idaħħluhom fid-divàn, jieħdu xi ħaġa minn hemm. Lin-nies ta' barra iħejjulhom xi mkien ieħor u kull min irid u jogħġbu jista' jmur jieħu kikkra kafè.

Wara dan l-irġiel jerġgħu jibdew jixxalaw. Issa *jdebbku,* mhux ikejjfu. Jieqfu xi għoxrin raġel jew aktar, dawwara mejt, u wieħed jieqaf f'nofshom. idoqq iż-żummara jew kamanġa (qisha violin), u erħilhom jatuha fuq id-daqq. Jitgħawġu 'l ura u 'l quddiem; iċapċpu jdejhom. Jaqbżu 'l fuq kollha f'daqqa, u jħabbtu saqajhom ma' l-art. U kull ħadd iħares lejhom minn bgħid u minn qrib.

Wara nofs in-nhar ikunu għajjenin u aktarx jibqgħu taħt is-siġar għarrwieħ. Għal xi l-erbgħa, mad-daqq talqniepen, jidħlu l-knisja fejn ikun hemm



**Il-Bażilka tat-Tabor, minn ġewwa.**

il-Għasar bil-kbir u wara l-barka. Wara dan isorru ħwejjiġhom u jaħsbu jmorru qajl qajl lejn id-dar.

U hekk dawk in-nies jifirħu wkoll u jithennew bil-festa, mingħajr piki, mingħajr bombi, mingħajr nies maħruqa, mingħajr ġlied u anqas ħela ta' flus.

BEN IEHUZA.

# IL-MEWT TA' SAN ĠWANN IL-GĦAMMIEDI

*(29 ta' Awissu)*

Meta miet Erodi x-Xiħ, l-artijiet fejn kien jaħkem inqasmu bejn tliet uliedu. Lill-Arkelaw ingħatawlu l-Lhudija, is-Samarija u l-Idumija; lill-Antipa, ħu Arkelaw mill-missier u mill-omm, ingħatawlu l-Galilija u l-Perija. U lil Filippu, ħuhom mill-missier biss, ingħataw il-bqija ta' l-artijiet, in-naħa ta' fuq tal-Palestina.

Filippu kien raġel tajjeb, u ħadd ma kellmu, u dam jaħkem żmien twil. Imma lill-Arkelaw il-Lhud ma kienux jaħmluh. Kemm il-darba xlewh lill-Imperatur ta' Ruma, sakemm fl-aħħar, fis-sena 6 Wara Kristu (meta l-Bambin kellu minn tmienja sa għaxar snin), sama' minnhom u neħħihulhom u għamel l-artijiet tiegħu Provinċja Rumana u qiegħed fuqha Ħakem Ruman.

Antipa, li kellu l-Galilija, dam jaħkem ftit snin sewwa, imma darba mar Ruma u qagħad hemmhekk għand wieħed ieħor minn ħutu (għax Erodi ma kellux ftit ulied, għad li qatel minnhom kemm il-wieħed), jismu Erodi wkoll. Dan kellu b'mara tiegħu lil Erodija, li kienet bint ħuh Aristoblu, bin Erodi x-Xiħ, li kien miet maqtul minn missieru. Meta kien Ruma, Antipa għamel ħabib wisq mal-mara ta' ħuh u ħajjarha titlaq lil żewġha u tmur miegħu l-Galilija. Din riedet tagħmel hekk, imma qabel kellu jagħtiha l-kelma li jtellaq lill-mara li kellu, li kienet bint is-Sultan ta' l-Għarab, Areta IV. Ftiehmu hekk u Antipa raġa' lejn il-Galilija bla dewmien.

Il-mara ta' Antipa semgħet x'kien ġej, u bla ma qagħdet tistenna ħarbet għal għand missierha. U Erodija telqet minn Ruma għal għand Antipa, u ħadet lil binta żgħira, kif kien il-ftehim.

Dak iż-żmien kien qiegħed ixandar it-tewba San Ġwann il-Għammiedi, u n-nies ħadu jgemgmu għal dan l-għemil ħażin ta' Antipa. U billi San Ġwann kien meqjum ħafna min-nies tal-Palestina, saħansitra minn Antipa wkoll, għamel kemm sata' biex isewwi l-ħsara billi wissa ħafna drabi lil Antipa jibgħat lil Erodija mill-ġdid Ruma għand żewġha, għax hi kellha raġel, u hu kellu mara, għal hekk ma setgħux ikunu ta' xulxin.

Billi San Ġwann kellu setgħa kbira fost in-nies, Antipa baża' minnu. Għalhekk, sakemm jaħsibha sewwa x'għandu jagħmel, bagħat qabad lil San Ġwann u żammu magħluq ġewwa kastell kbir, jismu Makero, li kien fuq ġebel għoli fuq ir-riħ tal-Baħar il-Mejjet, biex ma joqgħodx jinbxu bil-kliem, anqas jewilla jqajjimlu xi tixwixa qalb ix-xagħab.

Imma Erodija kienet għal qalbha ma' Antipa, għal hekk ma kellhiex sliema sakemm Ġwanni l-Għammiedi baqa' ħaj. "Tgħidlek "min jaf għada pitgħada Antipa jismax minnu u jibgħatni Ruma, u nsib ruħi f'għakkux kbir?"

Darba waħda, imma ġietha x-xoqqa f'moxtha. Antipa kellu stedina u ftaħar ma' ħbiebu kemm kienet taf tiżfen bint il-mara li kellu, għad li kienet għadha ta' ftit snin. Talbuh iġibha ħalli jarawha. Ġiet, u żifnet quddiemhom u għogbithom għall-aħħar, u Antipa feraħ u tkabbar għax ħareġ ta' raġel quddiem il-mistednin. Għajjat lit-tifla quddiem kull ħadd u qalilha: "Għidli xi trid taż-żifna li żfint, ħanini! Kull ma tgħidli nagħtihulek. Jekk trid nofs

l-artijiet li għandi, nagħtihomlok ukoll!"

It-tifla kienet żgħira u ma kenitx taf x'taqbad titolbu. Għal hekk marret ħada ommha u staqsietha x'kellha titlob. Dik qaltilha: "Titolbux artijiet, anqas deheb u ġawhar. Taf x'għandek titolbu? Ras Ġwanni l-Għammiedi, dak ir-raġel li qiegħed ġewwa s-siġen tagħna, hawn taħt!"

Antipa ndehex meta t-tifla qaltlu x'riedet. Imma kellu jżomm kelmtu biex ma joħroġx ta' tfal quddiem il-ħbieb. Bagħat jaqta' ras San Ġwann u taha lit-tifla u t-tifla tagħtha lil ommha.

Hekk temm ħajtu l-akbar qaddis tal-Għaqda l-Qadima, ħtija tal-mibgħeda ta' mara, talli kien iwissi lil Antipa biex ma jibqax jgħix magħha fid-dnub, b'turija ħażina tal-għammara ta' dawk l-artijiet.

* * *

Imma Antipa wara dan ma damx wisq ma kien imgħaddeb, kif kien jixraqlu tas-sew. U l-ħtija reġgħet kienet Erodija.

Mela, l-artijiet ta' Antipa u ta' Areta, Sultan il-Għarab, missier il-mara tiegħu ta' bil-ħaqq, kienu jmissu ma' xulxin. Darba n-nies tagħhom kellhom xi jgħidu fuq il-ħtut, jew *fruntieri*, tażżewġ artijiet. Saret taqbida kbira bejniethom u Areta rabaħ, u n-nies ta' Antipa kellhom jerġgħu lura b'telf kbir. Antipa bagħat jgħid lill-Imperatur Tiberju x'kien ġara, u talbu jgħinu. Tiberju bagħat jgħid lil Vitellju, Legat tas-Surija, biex jaħbat għal Areta, jaħkmu, u jieħdu Ruma miegħu, mejjet jew ħaj. Issa Vitellju kien jobgħodu lil Antipa, għal hekk iddawwar kemm sata' ma mar jagħtih il-għajnuna, biex kieku tilħaq tinqala' xi ħaġa u ma jmur xejn. U hekk ġara! Għax meta Vitellju kien wasal Ġerusalemm bit-tajfa tiegħu, waslet l-aħbar li Tiberju kien miet. Dan kien fis-17 ta' Marzu tas-sena W.K. 37. U hekk lil Areta, sultan tal-Għarab, ma kellmu ħadd.

Imma dan ma kienx biżżejjed. Antipa kien għadu ma hux imgħaddeb kif kien jistħoqq.

Wara Tiberju laħaq Imperatur Kaligla, li kien ħabib ħafna ta' wieħed ieħor minn ulied Erodi x-Xiħ, jismu Agrippa, ħu Antipa. Agrippa kien fqir u midjun, imma Kaligla malli laħaq (sena W.K. 38) mhux talli ħelsu minn dejnu kollu, talli għamlu sultan u tah artijiet, imissu ma' ta' ħuh Antipa.

Issa Antipa kien Tetrarka, m'hux Sultan. Għal hekk Erodija malli semgħet bix-xorti li messet lil Agrippa, taha ferħ ta' ġenn. Bdiet issus wara Antipa biex imur Ruma u jitlob lill-Imperatur biex lilu wkoll jagħtih l-isem u s-setgħa ta' sultan. Dan għall-ewwel ma riedx imur, imma għid il-lum, għid għada, fl-aħħar ġebitu fejn reditu. Antipa mar Ruma u ħa lil Erodija miegħu. Agrippa xamm x'kien ġej, u billi kien jaf xi ħaġa fuq ħuh Antipa, bagħat malajr Ruma wieħed mill-ħbieb tiegħu, u xlieh xilja bil-kif.

Antipa ma għarafx jinqala' mit-tabxa. Għal hekk Kaligla għaddieh b'ħati u bagħtu minfi f'Lijon, fi Franza, u tagħa l-artijiet tiegħu lil Agrippa wkoll. Dan ġara ħabta tas-sena W.K. 40.

Hekk kien it-tmiem ta' San Ġwann il-Għammiedi, u hekk dawk li kienu ħatja ta' qtilu, sfaw imħallsin.

Fra Elija, O.F.M.

# DAMASKU U L-MARTRI TAGĦNA

*(10 ta' Lulju)*

Il-Belt ta' Damasku kisbet isem dejjiemi fil-Ġrajja ta' l-Ordni tagħna l-Franġiskani. Dik il-belt li rat f'waħda mit-triqat tagħha lil Sawlu mixħut fl-art milqut mid-dija tad-Divinità tal-Feddej, Ġesù, u li ratu jitwieled għat-Twemmin Nisrani, rat ukoll iċarċar mat-triqat tagħha d-demm tal-patrijiet tagħna li ma stmellewx jitilfu ħajjithom biex iħarsu l-Emmna Mqaddsa. Demmhom safi, bħad-demm ta' Pawlu li ċarċar jaħraq u ħasel f'magħmudija ta' ħelsien lili-Belt ta' Ruma, ħasel u naddaf mit-tbajja' tal-għajb u l-ħtija t-triqat ta' Damasku. Fis-seklu XIV, XVI u daqsxejn 'il hinn minn nofs is-seklu XIX, iċ-ċoqqa tal-Patrijiet tal-Ħabel ħammret bid-demm tal-qalbiena.

L-Ordni tagħna ilu midħla ta' Damasku sa mill-bidunett tat-twaqqif tiegħu. Missierna San Franġisk ma żarx dil-belt, iżda meta fl-1219 mar Damiata biex jara s-sultan Melek-el-Kamel, hemmhekk iltaqa' ma' Melek-el-Axraf, sultan ta' Damasku. Għalkemm qajla nafu x'għadda bejn San Franġisk u Melek-el-Axraf, nistgħu nemmnu iżda li das-sultan dikment kif ra lil San Franġisk inġibed lejh u wrieh għeliem ta' l-akbar qima. Ara kemm hu hekk, li fis-sena 1233, il-Papa Girgor IX bagħat f'Damasku żewġ patrijiet Franġiskani għand is-sultan bit-tama li jiġbduh għat-Tagħlim ta' Ġesù Kristu.

Għalkemm il-ħidma ta' dawn iż-żewġ patrijiet sfat fix-xejn, ma qatgħux qalbhom. Baqgħu f'Damasku u bdew jaħdmu biex iħarsu mit-taħsir ta' l-Emmna ta' bosta negozjanti li kienu jgħammru f'dik il-belt. Damasku kienet it-tokk ta' l-Islam u l-ħidma ta' dawn il-patrijiet ma setgħetx tinfirex bosta. Ġara, iżda, li wara ħafna taħbit fetħu daqsxejn ta' dar. Nafu li fis-sena 1289, il-Għarab ta' Damasku qatlu żewġ patrijiet tagħna. Nafu wkoll li fl-1327 waslu f'Damasku P. TONIN DE RIBALDIS minn Cremona u fl-1350 P. FRANĠISK minn Firenze.

Fil-qawmien kontra l-Insara tas-Sirja fis-sena 1368, is-Sultan Xagħban-Ibn-Ħassan tefa' f'qiegħ ta' ħabs, sittax-il patri tagħna. Wara ħames snin ħabs jiebes, kaxkruhom mat-triqat ta' Damasku, u meta waslu fil-misraħ tal-belt, is-suldati ħasdulhom rashom. Nafu wkoll li fl-1557, tliet patrijiet Taljani wara li ġew imħaġġra u middieħka fit-triqat tal-belt, tefgħuhom fil-ħabs u qatgħulhom rashom. Fis-sena 1375, il-Konslu ta' Venezja f'Damasku, qala' l-permess biex il-Franġiskani jkunu jistgħu jqaddsu fil-Kappella privata tiegħu. Il-Franġiskani ma setgħux jiftħu knejjes għall-pubbliku, waqt li l-Maroniti u l-Griegi kellhom il-knejjes tagħhom miftuħa għal kulħadd.

Fis-sena 1630, il-patrijiet tagħna qalgħu l-permess minn għand il-Qâdi ta' Damasku li jiftħu knisja għan-nies tal-belt. Dil-Knisja kellha dar żgħira magħha fejn kienu jgħammru tliet patrijiet. Fis-sena 1668 il-Kattoliċi Maroniti tawhom knisja minn tagħhom, bil-patt li jieħdu ħsieb ta' dawk il-Maroniti li kienu jgħammru qrib il-knisja. Bil-ħidma tal-patrijiet tagħna, il-Maroniti, baqgħu dejjem magħquda mal-Papa, ukoll meta l-irwiefen qamu kontrihom. Il-Patrijiet ħadmu wkoll fost

il-Griegi mifruda mill-Knisja u bosta reġgħu fi ħdanha.

Fis-sena 1718, il-patrijiet tagħna bnew knisja u ddedikawha lil S. Pawl. Bnew ukoll Kunvent u fih waqqfu kulleġġ fejn il-Missjunarji setgħu jitħarrġu fl-ilsna orjentali. Din il-knisja — li għadha wieqfa sal-lum — maż-żmien saret parroċċa u l-patrijiet setgħu jaħdmu bla tfixkil. Fetħu wkoll bosta skejjel fejn it-tfal setgħu jitgħallmu b'xejn: fetħu sptarijiet fejn il-patrijiet kienu jdewwu u jduru bil-morda bla ebda ħlas. In-nies bdiet tinġibed lejhom. Il-Gvern anqas kien ifixkel ħidmithom. Il-patrijiet ħadu ħsieb ukoll ta' dawk l-imkejjen għeżież li magħhom kellu x'jaqsam San Pawl. Fost l-oħrajn kisbu d-dar ta' Ananija u biddluha f'Oratorju. Maż-żmien id-dar waqgħet f'idejn il-Musulmani, iżda wara ħafna taħbit u nfiq ta' flus, fis-sena 1820, erġajna ksibnieha f'idejna u bdilniha f'Santwarju għażiż li jfakkar ġrajja kbira fil-ħajja ta' l-Appostlu Missierna.

Is-Sultan Abdul Megid, fit-30 ta' Marzu 1856, bit-trattat li kien sar f'Pariġi wiegħed li minn dak in-nhar 'il quddiem, is-sudditi tiegħu, musulmani jew insara, kellhom ikollhom l-istess jeddijiet. Il-Musulmani nafru, u għajnejhom xegħlu b'leħħa ta' mibgħeda.



**Il-Martri Franġiskani ta' Damasku, 1860.**

Qalbhom ħraxet u ħalfu li jeqirdu lill-Insara. Id-Drusi, musulmani ta' qattani li kienu jobgħodu għall-mewt lill-Insara, stennew fuq ix-xwiek li tiġihom ix-xoqqa f'moxtha biex iqumu u jeqirdu lill-Insara. Tilwima bejn tifel musulman u ieħor kattoliku tar-rit maronit, li kienet qamet fl-ewwel xhur tas-sena 1860, kienet ix-xrara li kebbset ħuġġieġa ta' persekuzzjoni kiefra kontra l-Insara. Id-Drusi, imħeġġin minn

Khursud Paxa, gvernatur ta' Bejrut, tferrxu ma' l-ghotiiet kollha tal-Libanu u qerdu u harqu d-djar ta' l-Insara. Lill-insara mbaghad qabduhom u qatluhom fost hruxijiet li qajla jitwemmnu.

Bil-ghatx kif kienu, id-Drusi riedu jiskru bid-demm nisrani. Niżlu fuq il-belt ta' Damasku nhar id-9 ta' Lulju 1860. Fost ghajjat li jtarrax u dagha li jkexkex, dahlu fid-dar ta' l-Insara, kaxkruhom fit-triqat u ma strahux qabel rawhom bla hajja. F'dik is-sahna ta' demm li kienu fiha, ftakru fil-patrijiet tal-qorq u l-habel. Ftit kienu bghid mill-kunvent ta' San Pawl. Bla nifs ġrew biex jahbtu ghall-bieb tal-kunvent. Sabuh maghluq, iżda Ġuda ta' qalb jiebsa, wiehed lhudi midhla tal-patrijiet u li fihom kien sab l-akbar hbieb tieghu, urihom bieb mohbi. Il-Musulmani faqghuh u dahlu. U qatlu u biċċru lit-tmien patrijiet tal-kunvent.

Ġrew mal-kunvent jahilfu u jidghu: minn halqhom kienet hierġa raghwa ta' mibgheda u f'harsthom imċajpra kien jinqara s-semm ta' qalbhom jiebsa. Lill-B. Manwel Ruiz, saċerdot Spanjol u gwardjan tal-kunvent qatluh f'riġlejn l-altar bid-daqqiet ta' ximitarra waqt li kien ghadu kif bela' l-Ostji biex ma jaqghux f'idejhom. Lill-B. Karmenu Volta, saċerdot Spanjol, sabuh fi klassi ta' l-iskola tal-kunvent u ghad-daqqiet bla hniena ta' ghasluġ ohxon, hallewh imut imgharrar f'demmu; lill-B. Enġilbertu Kolland, saċerdot Awstrijak, lahquh hdejn il-bieb tal-kunvent, riduh jichad Taghlim Kristu u wara li stqarr l-Emmna tieghu quddiem il-Musulmani, qasmulu rasu tnejn b'daqqa ta' mannara; lill-B. Nikanore Askanio, saċerdot Spanjol, wara li bil-kelma t-tajba hajruh ihaddan id-Din Musulman, qatluh b'daqqiet ta' sejf f'ghonqu; lill-B. Nikola Alberga, saċerdot Spanjol ukoll, wara li l-Musulmani daru mieghu u bdew jidhku bih, qatluh bid-daqqiet ta' ximitarra fuq ghonqu. Lill-Beati Franġisk Pinazzo u Ġanġakbu Fernandez, ajċi Spanjoli, qabduhom fuq il-kampnar tal-knisja, tawhom bil-mazza u qasmulhom ix-xewka ta' darhom. Imbaghad xehtuhom mill-kampnar ghal isfel. Il-B. Ġanġakbu meta ġie fl-art ma mietx mill-ewwel, iżda mas-sebh rah wiehed musulman u temmu b'daqtejn ta' ximitarra. U hekk kif ix-xemx ta' l-10 ta' Lulju 1860 habbret jum ġdid, it-tmien Franġiskani qalbiena mahsula bid-demm tal-Martri, kienu qed jithennew fis-sebh tal-Ġenna.

Damasku xorbot id-demm tal-Martri taghna u isimha nkiteb bi hżuż tan-nar fuq il-ġrajja glorjuża tal-Kustodja ta' l-Art Imqaddsa.

*P. Marjanu Vella, O.F.M.*
*Surmast tan-Novizzi.*


**Qabel johroġ is-Sajf:**

**PELLEGRINAĠĠ MALTI GHAL ĠERUSALEM**

**Żjara lill-Imkejjen Imqaddsa kollha li jinsabu fiż-żewġ taqsimiet tal-Palestina, li huma l-Ġordanja u Iżrael.**

**Ftit żmien iehor ikunu mxandra fil-gazzetti ta' Malta l-irqaqat kollha tal-Programm.**

# KIF WASALT ĠERUSALEM

Ix-xewqa li nara lil Ġerusalem nibtet f'qalbi minn meta kont għadni żgħir ħafna. Imma kont nistħajjel li dix-xewqa ma setgħetx tintemm. Kif jista' jkun li mmur Ġerusalem, jiena, tifel tar-raħal, minn dawn li dejjem ġor-raba'? Imma mbagħad meta kbirt, u darba smajt li l-Ingliżi ħadu l-Palestina, għedt: "Issa ġiet newbti; Issa tassew li nara lil Ġerusalem!"

Għalhekk dħalt suldat, biex ikolli l-flus għas-safar (għax bħal ma għedt qabel, kont naħdem fir-raba' tagħna u flus tiegħi ma kellix) u rġajt ħriġt wara xi sena u nofs. Għamilt il-passaport u tlaqt.

Tlaqt minn Malta lejn Lixandra mal-vapur "Tudor Prince", nhar it-Tnejn, 22 ta' Marzu 1920, fil-għaxija. Kien hemm tlieta oħra Maltin, sejrin Lixandra jinkitbu baħrin. Kif konna ħerġin minn bejn dirgħajn il-*breakwater* spara t-tir. Qagħadt fil-poppa nħares lejn Malta, ħalli nara x'iħoss bniedem li jħobb lil pajjiżu meta jkun qiegħed jingħażel minnu. Malta bdiet titbiegħed u tiswied; tiċkien, tiċkien, sakemm ma baqax jidher minnha ħlief bħal sħaba sewda f'wiċċ il-baħar, fix-xefaq, fuq l-aħħar ħmura ta' wara nżul ix-xemx.

Il-vapur mexa qajl qajl, u wasalna Lixandra s-Sibt ta' wara, fil-għodu kmieni. Lixandra nżilt l-art u l-għada kien Ħadd il-Palm. Mort il-Knisja ta' Santa Katerina. Għadni niftakar il-Għarab ibigħu l-palm u ż-żebbuġ qabel il-*purċissjoni* u jgħajtu: "Balma! Balma!"

Nhar it-Tlieta ta' wara fil-għaxija, tlaqt minn Lixandra għal Port Said, ma' vapur Taljan jismu "Gastein". Fil-għodu, il-għada, wasalna Port Said imma ma ridtx ninżel l-art. Fil-għaxija l-vapur telaq minn Port Said u fil-għodu wasalna Ġaffa. Hawn iltqajt ma' l-ewwel saram. Saram żgħir, imma għalija, tifel tar-raba' li qatt ma kont rajt dinja, deherli saram kbir.

Issa, lili ħadd ma kien għarrafni li biex ninżel l-art minn dak il-vapur, kellhom jiffirmawli l-passaport. Rani wieħed baħri u qalli li għajtuli u ma weġibthomx. Qalli mmur infittex il-fizzjal Ingliż biex jiffrmali. Mort u qaluli li kien niżel l-art. In-nies neżlin u jiena ma nistax ninżel. Fit-taraġ kien hemm suldat għassa, kull wieħed li jinżel, jaralu l-passaport. X'kelli nagħmel, ma kontx naf.

Fuq luħ iswed kien hemm miktub bil-ġips: "Il Piroscafo Gastein parte per Haifa alle ore 3 p.m.". Qaluli li l-fizzjal kellu jerġa' jiġi. Imma jekk għal xi ħaġa ma jiġix? Jekk il-vapur jitlaq bija lejn Hajfa? Hemmhekk fejn nibda mmur?

Qagħadt fuq ġenb il-vapur, inħares lejn Ġaffa, imwerwer. Saru l-ħdax. Il-qniepen tal-kanpnar tal-Franġiskani, hemm quddiemna, fl-ogħla quċċata, daqqu għall-aħħar darba, huma u jniżżlu s-Sepolkru, għax dak in-nhar kien Ħamis ix-Xirka. Daqq nofs in-nhar. Daqqet is-siegħa, u l-fizzjal ma ġiex. Daqqu s-sagħtejn, u ftit qabel is-sagħtejn u nofs, mal-vapur resqet dgħajsa u minnha niżel il-fizzjal, u tala' fuq il-vapur.

Ħadt ir-ruħ. Il-biża' għaddieli. Iffirmali l-passaport u qalli: "Go to land! Go to land, quick!" Iżżejtu ħajr u tlaqt. Inżilt it-taraġ u dħalt fid-dgħajsa li qadfet lejn l-art.

Meta wasalna, lil tad-dgħajsa tajthom tliet xelini, kif talbuni, u staqsejthom fejn kienet id-Dwana. Id-Dwana kienet naqra ta' għorfa b'żewġ bankijiet. Fiha kien hemm żewġt irġiel, pajżan u pulizija. Il-pajżan had-

li l-passaport u gharrafni li meta mmur Gerusalem, kelli mmur ghalih fejn ighidulu *Russian Colony*. Tkellem mieghi bl-Ingliż ħażin ħażin, għax ma kienx jaf.

Aktar kien jaqbel kieku dak il-ħin bqajt sejjer mill-ewwel Ġerusalem. Imma Fra Elija Grech (tal-Mellieħa), li lilu kont staqsejt kif kelli nagħmel, meta kien Malta ftit xhur qabel, kien qalli noqgħod jum Ġaffa u jien ridt nagħmel kollox kif qalli hu.

Qagħadt mela Ġaffa dik il-lejla sal-għada fil-għodu. Fil-għodu tlaqt lejn l-"imħatta", jiġifieri *stazzjon* tal-vapur ta' l-art, u mort naqta' biljett għal Ġerusalem. Tal-biljetti qalli li sata' jagħtini biljett sa Lidda, imbagħad minn Lidda naqta' ieħor għal Ġerusalem. Għax f'Lidda t-triq tal-vapur tiftaħ tliet friegħi: waħda għal Hajfa, waħda għall-Eġittu u waħda għal Ġerusalem.

It-tielet klassi, fejn irkibt jien, il-vaguni kienu bħal kaxex bir-roti, ftit ogħla mill-art, bil-bankijiet kull naħa, u biċċa xoqqa fuq erba' waqqafiet, sabiex tagħmel id-dell. Irkibt hemm ma' ħafna suldati jew pulizija x'kienu. Kellhom l-azzarini, kienu lebsin l-iswed u tarbux iswed f'rashom, kollu nokkli tas-suf. Tgħaxxaqt nara r-raba' u l-ġonna tal-larinġ ta' Ġaffa. Rajt ukoll ħaġa li għaġġbitni għax qatt ma kont naf li ssir: raġel jaħrat b'ġemel flok baqra! Il-ġemel għoli daqsiex u l-moħriet żgħir, anqas jidher warajh!

Wasalna Lidda u nżilna. Hemm kien hemm "imħatta" oħra, jew *stazzjon*, u kamra tal-għewwied fejn jaqtgħu l-biljetti. Jiena mort naqta' l-biljett ukoll, waħdi waħdi, qalb il-Għarab. Ma rajt lil ħadd liebes bħan-nies ta' l-Ewropa.

Kif kont hekk imġerrex (u bil-'badge' tal-Mużew, u xagħri maqtugħ qasir, u mingħajr ingravata), kien hemm pulizija Għarbi li tajtu fil-għajn. Ġie fuqi u qalli bil-herra biex niftaħlu l-bagalja. Ftaħtha u sabli fiha mal-ħwejjeġ, żewġ xugamani bil-kitba: 3452 R.M.A. ta' meta kont suldat.

Beda jgħajjat, għax ħasibni sraqthom. Jiena bil-Għarbi ma kontx naf għajr xi għaxar kelmiet, u ma fhimtx x'kien qiegħed igħidli. Daru magħna n-nies. Imma l-Bambin kien miegħi, u bagħatli Anġlu malajr biex jeħlisni mit-tabxa.

L-Anġlu kien tifel żgħir Taljan. Ma nafx minn fejn inqala'. Ġie maġenbi u staqsieni jekk nafx nitkellem bit-Taljan. Għedtlu li naf ftit. Qalli li l-pulizija ried jaf minn fejn ġibt dawk ix-xugamani. Għedtlu jgħidlu li jiena kont suldat u dawk ix-xugamani kienu tiegħi. Qallu bil-Għarbi. Il-pulizija għajjat kelma li għadni niftakarha. Qalli: "Werrini l-weraq!" Jiġifieri: "Urini ċ-ċertifikati!"

Alla jista' kollox, il-"weraq" kienu għandi! Ma kontx sa neħodhom miegħi minn Malta. Anqas naf kemm-il darba qbadthom u tlaqthom qabel ma ħriġt mid-dar. Sibthom u *werrejthomlu*. Imma l-ħmar ma kienx jaf jaqra. Hu qagħad għassa miegħi u bagħathom għand wieħed tal-ħanut li kien jaf bl-Ingliż. Meta għaraf is-sewwa, raddhomli u qalli bil-herra: "Hod! Ruħ, ruħ!" (ha! Mur, mur!).

Nies ma kienx għad hemm. Jiena bqajt donni tal-ħaġar, wieqaf, bil-qatgħa. Għax passaport fuqi ma kellix, u kieku mam kellix iċ-ċertifikati, kien jeħodni l-Għassa, u jdewwimni min jaf sa kemm. U billi dawk Għarab, min jaf x'kienu jagħmluli. Imma t-tifel Taljan reġa' ġie jiġri. "Non vuoi andare Gerusalemme?" staqsieni. "Si!" weġibtu. "Presto, dunque! Il treno parte!" Hu jiġri u jien niġri. Hu tala' fuq il-vagun (kien qisu *truck* b'erba' roti), newwiltu l-bagalja u tlajt

lien ukoll. U l-vapur ta' l-art telaq.

Fil-vagun kien hemm xi ghaxar Gharab, irgiel, qeghdin fl-art u ahna qaghdna bhalhom. Kien xi l-hdax ta' ul-ghodu, nhar il-Gimgha l-Kbira. It-tifel qaghad jithaddet mieghi. Qalli li kien jismu Pawlu, li kellu 13-il sena. Li kien sejjer Gerusalem jghaddi l-Ghid ghand qrabatu. Imbaghad ghejja jithaddet u medd rasu fuq kitfi u raqad.

Wasalna naha jghidulha Artuf, fejn kien hemm imhatta ohra. Kien gewwa wied, bic-caghak lejn ix-xellug u sigar lejn il-lemin, u quddiem, igbla. Kulhadd nizel fl-art. Kien hemm bhal tank ta' l-ilma bil-vit u hafna nies kienu qeghdin jixorbu u jimlew il-fliexken minnu. Jiena mort nixrob ukoll u kif ergajt lejn il-vagun malli kont sa mmidd rigli biex nitla', nisma' hoss donnu tfaqqiegha. Imbaghad hafna hsejjes ta' hadid ihabbat ma' xulxin u tiksir ta' hgieg. Il-makna tal-vapur kienet regghet lura bis-sahha u habbtet il-vaguni kollha ma' xulxin u regghu lura. Issa fuq il-vagun kont trid titla' minn bejniethom. Kieku lhaqt meddejt rigli biex nitla', aktarx li kont naqa' taht ir-roti u nsir ftira.

Ghajjat, biki, nisa jwerzqu u rgiel jigru; min mixhut fl-art, min rasu kollha dmija. Giet karrozza ta' l-isptar u refghu xi nies bil-katalett. Gie qassis Grieg, f'karrozza zghira. Tahwida liema bhalha. Fl-ahhar il-hamba siktet, imma l-vapur ta' l-art kellu l-hsara u ma satax jitlaq dak il-hin. Qaghdna hemm nistennew. Lil Pawlu ma rajtux ghajr darba, jigri qalb in-nies. Jista' jkun li sab xi rikba sa Gerusalem mal-karrozza ta' l-isptar. Gerusalem mar, ghax il-Hadd ta' wara rajtu ma' niesu, gol-knisja.

Ghal xi s-sitta ta' fil-ghaxija giet ferrovija ohra. Kulhadd irtass fuqha u telqet lejn Gerusalem. Kien fiha hafna suldati Lhud.

Kien bil-lejl, imma dawl ta' qamar. Il-vapur ta' l-art telaq, ghaddej minn fuq xifer ta' wied. Wisa' biex noqghod bil-qieghda ma kienx hemm. Waqaft imxerref f'tieqa. Nisma' l-hsejjes tal-makna, jidwu ma' l-igbla, li minn nofshom konna ghaddejjin. Ras il-makna kienet hamra, mikwija bin-nar. Il-qamar jixref u jistahba bejn il-qcacet tal-gholjiet. Il-wied kien ghemiq, b'hafna tiksir u blat abjad-irmiedi fid-dawl ta' qamar, u sigar sfieq u sewdiena fuq il-gnub. "Ommi, ma!" ghedt f'qalbi. "Min jaf taht dawk is-sigar suwed x'hemm tal-wah-xijiet!"

Fl-ahhar wasalna l-imhatta ta' Gerusalem, f'xit-tmienja u nofs ta' bil-lejl. Kien hemm hafna nies li nizlu mill-vapur, kulhadd iross u jaghfas, biex ifittex johrog. Smajt wiehed ta' l-istazzjon jghid lili-iehor: "Int imsik il-weraq u ana nimsek il-bagax". X'-wahdadin! Kienu sa jergghu jfittxul-na! Jien zammejt il-bagalja quddiemi, newwilt il-biljett lil dak li kien qieghed jehodhom, u ross u ross, u sibt ruhi barra bla ma kont naf.

Barra l-imhatta, jew *stazjon* kien hemm misrah. Fil-lemin hajt gholi, quddiem ghelieqi, u fin-nofs forka kbira, fejn jghallqu n-nies, b'xi hames hbula mdendlin fiha. Imma fejn hi Gerusalem? Imkien ma jidher bini. Issa bil-lejl, fejn ser immur, wahdi-wahdi? n-nies jirkbu fil-karozzi taghhom u jien wieqaf inhares 'l hawn u 'l hemm.

Imma l-Bambin kien mieghi tej-tej. Raga' baghtli Anglu iehor malajr. Din id-darba m'hux Anglu Taljan. Anglu Gharbi, tal-Misilmin.

Kien tifel iehor; qisu d-daqs ta' dak ta' qabel, imma m'hux qawwi bhalu. Liebes bhal qmis twila sa gharqbejh

u f'rasu dotnha kallotta, tas-suf maħdum, igħidulha *tâqija*. "Fejn biddek truħ?" staqsieni. Għidtlu: "Qabar Sidna Għisa", għax bħal ma għedt qabel, bil-Għarbi ftit wisq kont naf. Reġa' staqsieni: "Il-Qjâma?" Għedtlu bħal qabel. "Amma hu l-Qjâma!" qalli, u ħadli l-bagalja, xeħetha fuq kitfu, u qalli: "Jalla!" u bdejna mixjin.

Inżilna niżla twila u fid-dawl ta' qamar dehret Ġerusalem: swar, djar, mejdniet tal-Misilmin u kanpnari ta' l-Insara. "Tkun miftuħa l-knisja?" staqsejt lit-tifel. "Bħal issa le", weġibni. "Naraw x'reġa' ġej!" għedt f'qalbi. U bdejt nistħajjel li kelli ngħaddi l-lejl barra, wara l-bieb tal-Qabar ta' Kristu. Jew isibuni l-pulizija u jaħsbuni xi ħalliel u jeħduni l-għassa sa l-għada. Ħejjejt ruħi għal kull ma jista' jkun.

Imbagħad għaddejna minn fuq ħajt wiesa' li jaqsam wied, u qbadna telgħin telgħa. Lit-tifel ħadtlu l-bagalja biex inserrħu ftit. Għall-ewwel ma riedx imma ġiegħeltu jagħtihieli. Tlajna t-telgħa. Dħalna fil-belt. Reġa' ħadli l-bagalja u qbadna neżlin niżla miksija bil-mazkan. Triq bil-bini qadim u għoli, il-ħitan kollha xquq, u xkejjer imdendla minn ħajt għal ħajt. Ilwejna lejn ix-xellug, imxejna ftit u dħalna fi bħal mina. Inżilna taraġ u ġejna fi bħal bitħa, b'sarbut biċċiet tal-kolonni mwaħħla fl-art u knisja qadima quddiemhom. "Ħaħi l-Qjâma", qalli. U neħħa t-tâqija minn rasu, qalli nneħħi minn rasi, u xejjer idu quddiem wiċċu, bħal min irodd is-salib. Aktarx biex naħsbu Nisrani, jew b'qima lejn l-Insara, billi fit-triq għentu jerfa l-bagalja xi darbtejn. Ara kemm tiswa t-turija tajba!

Għedt qabel li l-Bambin kien miegħi, u kien miegħi tassew. Il-bieb tal-Bażilka tal-Qabar ta' Kristu ma kienx magħluq għal kollox! Kien għadu mbexxaq, u żewġt irġiel ħdejn il-bieb, barra, bis-sellum, biex jagħlquh. Issa meta dak il-bieb jingħalaq, ma jerġax jinfetaħ, għax il-muftieħ tiegħu jkun fid-dar ta' nies Misilmin, li joqgħodu fil-bgħid u biex tiftaħ trid tħallas kemm il-skud. Kieku domt ma wasalt żewġ minuti oħra, barra kien ikolli noqgħod, għax dak iż-żmien ma kont naf xejn fuq Ġerusalem.

Ħallast lit-tifel. Tajtu biċtejn flus bojod, ma nafx kemm huma. Meta



Il-Knisja l-Qadima....... u l-bieb li kien imbexxaq.

kont ser nagħtih it-tielet, qalli: "Bi keffe! Bi keffe!" jiġifieri, *biżżejjed*. Jaħasra, ma riedx iqarraq bija u jeħodli aktar milli jistħoqq. Bies il-flus, misshom ma' xbinu u telaq u mar.

L-itwal fost iż-żewġt irġiel li kienu hemm, dar lejja, qalli bil-herra: "Xi trid?" "Fra Elija!" weġibt jien. "Dove sta Fra Elija?"

"Fra Elija," għajjat ir-raġel l-ieħor, "Ejja ara dan x'irid." Fra Elija ttawwal mill-bieb imbexxaq, għarafni fid-dawl ta' qamar. "Int?" qalli. "Ġejt sa fl-aħħar? Ejja, idħol!" U dħalt miegħu l-knisja. Urieni bħal kappella u qalli: "Dan hu l-Qabar ta' Kristu." Dħalna ġewwa u qagħdna għar-rkubtejna quddiem bħal bank ta' l-irħam li taħtu jingħad li hemm il-blata. Bist l-irħama kiesħa, stħajjiltni nbus riġlejn Ġesù mejjet, u żżejt ħajr 'l Alla, li wasalt bis-sliema u għedt Kredu. Ħriġna minn hemm, għaddejna minn sakrestija u dħalna f'kamra żgħira fejn kien hemm mejda. Fra Elija ġiebli ftit soppa tal-piżelli, ħobża tawwalija żgħira, aringa mixwija u flixkun żgħir inbit. Għal kemm dak in-nhar ma kontx kilt għajr laringa waħda u biċċa żgħira ġewż tal-Indi (taħieli Pawlu fuq it-tren), il-ġugħ bil-għejja ma kontx inħossu. Għal hekk kilt ftieta ħobż biss u xrobt belgħa waħda nbid.

Ġie Fra Elija u saqsieni għax ma kiltx. Għedtlu li ġugħ ma kellix imma kont għajjien ħafna. Ra l-flixkun tal-inbid, qabdu f'idu u sabu għadu mimli. "Ma tixrobx?" saqsieni. Għedtlu li ma kontx imdorri. "Għandi għatx!" qal u qiegħed għonq il-flixkun f'ħalqu u niżżlu f'nifs sal-anqas qatra.

Imbagħad Fra Elija tellagħni taraġ dejjaq, għaddieni minn bħal kuridur, fetaħ bieb ta' għorfa fejn kien hemm tliet sodod, mejda u żewġ siġġijiet. Urieni sodda minnhom u qalli norqod fiha, u ħareġ.

Sibt ruħi waħdi u dħalt fil-friex. Dak il-ħin, kif stajt nidħol ftit fija n-nifsi, ħassejt ferħ kbir fija, li donnu kellu mill-ġenn. Mela, it-tbatija u t-tiġrib tas-safar li kont nibża' minnhom, kienu għaddew! Wasalt bis-sliema fejn kont nixtieq nasal, sa minn meta kont tarbija! Bħal ma l-qaddisin fid-dinja kienu jixtiequ jmorru l-ġenna, hekk jien kont nixtieq immur Ġerusalem. Ara, fl-aħħar, xewqti maqtugħa! Dik il-għorfa li kont fiha kienet ftit passi bgħida mill-Kalvarju u mill-Qabar ta' Kristu! Minn fejn kont jien kienet instemgħet l-aħħar għajta ta' Ġesù, minn fuq is-salib, hi u ħierġa ruħu. Le, ma kontx qiegħed noħlom. Kien kollu minnu. Talbti mismugħa u xewqti maqtugħa!

Elsie.

---

# MINN HAWN U MINN HEMM

## AĦBARIJIET TA' BARRA

### GĦAT-TISWIJA TAL-QABAR TA' KRISTU

Il-Ħakma Ġordanija stiednet lill-Inġinier Ingliż Wooly biex jifli l-ħsara li fiha l-Bażilika tal-Qabar ta' Kristu u jara x'għamla ta' tiswijiet li jaqbel li jsiru. Dan imbagħad stieden lill-inġinieri l-oħra li kienu maħtura mill-Franġiskina, mill-Griegi u mill-Armeni biex jagħtuh rajhom fuq li għandu jsir. Il-bażilika li għandha ma' l-elf sena, wara t-theżżiża ta' l-1927 ħasset sewwa, u li ma kenitx mirfuda bil-ħadid, kieku ilha li saret ħerba.

### IT-TIEĠ TAR-RE TAL-ĠORDANJA

Iż-żagħżugħ Re Hussejn I iżżewweġ lil bint għammu, il-Prinċipessa Dina Għabd-il-Hamid. Il-Patrijarka ta' Ġerusalem mar Għamman biex jifraħlu u hekk ukoll għamel il-President tal-Franġiskani, Patri Teofilo Bellorini. Tawh rigali sbieħ kif jixraqlu bħala Re u bħala ħabib tal-Kattoliċi.

### ĠLIED FUQ IL-GĦAR TA' BETLEHEM

Il-Griegi Xismatki riedu jqiegħdu xi siġġijiet fil-Bażilka l-qadima ta' Betlehem imma l-Pulizija ma ħallewthomx, għax hemm liġi li ma jistgħux jagħmlu dan mingħajr ma jgħidu lill-Franġiskani u lill-Armeni. Għal dan weħlu l-Franġiskani u ħabtu għal tnejn minnhom li ħaslu kienu jħarsu hemm. Wara ma riedux iħalluhom jgħaddu għall-Għar Imqaddes. Il-Pulizija ħarrket lill-Isqof Grieg. Meta raw li ma setgħu jagħmlu xejn, il-Griegi waqgħu għall-Franġiskani u marru jżuruhom u għamlu ħbieb magħhom.

### IL-KNISJA TA' NAZARET

Ix-xogħol għall-bini tal-Bażilika l-ġdida ta' Nazaret, miexi sewwa. Il-knisja l-qadima, li kienet mibnija fis-sena 1730, issa ħattewha. Taħtha nstabu s-sisien ta' żewġ knejjes oħra u rqajja' ta' mużajk. Sabu ħajt b'ħafna ħofor fih, li ġewwa fihom kienu jgħammru l-ewwel Franġiskani li daħlu Nazaret. Kixfu wkoll il-blat u maġenb il-Għar tal-Madonna nstabu għerien oħra tal-għamla tiegħu. Instab xaqquf ta' żmien ir-Rumani, imgħasar tażżejt u matmuriet għal ħżin tal-qamħ. Kollox juri li hemm kienu jgħammru nies foqra għall-aħħar, fosthom Marija Omm Ġesù.

### "MARIJA GORETTI" OĦRA, MISILMA

Fil-belt ta' Hebron, il-Palestina, tifla żgħira, ta' sitt snin Misilma, kienet maqtula minn wieħed raġel, għax ma ħallietux b'ebda mod itebbagħlha s-safa' ta' ġisimha.

### IL-KATTOLKI TA' GĦAMMAN

Il-belt il-kbira tal-Ġordanja, Għamman, bħal issa fiha mas-7,000 ruħ Kattoliċi. Ħmistax-il sena ilu (1940), kien fiha 500 biss. Din iż-żieda saret għax qatigħ Kattoliċi beżgħu joqogħdu taħt idejn il-Lhud fi żmien il-gwerra u ħarbu għal Għamman. Il-Kattoliċi għandhom skejjel għalihom. Żewġ skejjel għandu l-Patrijarka Latin ta' Ġerusalem; Kulleġġ għandhom il-Franġiskani; skola għandhom il-Freres u skola oħra r-Raħbiet tar-Rużarju.

### FILM TAĦT L-ILMA

Xirka taċ-Ċinema, isimha "Jonas" għamlet film taħt l-ilma fil-Palestina. Fil-Bħajra ta' Tabarija sabet li hemm għejjun tal-misħun ħerġin mill-qiegħ u ma' dwarhom kotra bla għadd ta' ħut żgħir. Fil-Mediterran, fejn kienet Kajsarija, hemm belt sħiħa f'qiegħ il-baħar, bil-kolonni u ħitan weqfin.

### IŻ-ŻAWWARA F'GĦID IL-KBIR

Jingħad li dis-sena kien hemm madwar 6,000 ruħ li mill-Ewropa u l-Amerika marru Ġerusalem biex jgħaddu hemmhekk il-jiem tal-Għid. Jingħad ukoll li għadd kbir ta' Insara talbu li jgħaddu min-naħa tal-Lhud għan-naħa tal-Għarab biex jgħaddu l-Għid Ġerusalem u ma tħallewx.

### NUQQAS TA' XITA FIL-PALESTINA

Dis-sena għamlet xita ftit wisq fil-Palestina u ħafna mill-uċuħ tar-raba' sfaw fix-xejn, u hekk żdied wisq il-għaks li hemm f'dik l-art ħtija tal-gwerra. L-Insara għamlu talb għax-xita fil-knejjes tagħhom u l-Misilmin fil-ġemgħat tagħhom. Dawn ta' l-aħħar bħal ma jagħmlu dejjem f'ħaliet ta' din l-għamla, bagħtu lit-tfal subien iduru mal-bliet b'idejhom miftuħa lejn is-sema u jgħajtu flimkien: *"J'Alla l-matar! J'Alla l-geth!"* li tfisser: "O Alla, (ibgħat) ix-xita!"

### IL-BARRANIN FIL-ĠORDANJA

Ważir id-Daħel (Ministru ta' l-Intern) stqarr li jrid jara sewwa l-

qagħda tal-barranin li hemm fil-Ġordanja. Dawk li bħal issa jinsabu jaħdmu hemm bil-flus, irid jibgħathom 'il barra malli jagħlqilhom żmienhom u ma jħalli lil ebda barrani jieħu xogħol li jista' jagħmlu wieħed Għarbi. Dan biex itaffi kemm jista' jkun il-qagħad.

### L-ISKEJJEL TAL-ĠORDANJA

Għandha tgħaddi liġi fil-Ġordanja li biha l-iskejjel kollha jkunu jistgħu jiftaqdu mill-Ważir tat-Tagħlim (Ministru tat-Tagħlim). Il-Ważir ukoll jista' jara kemm flus qegħdin idaħħlu dawn l-iskejjel u minn fejn idaħħluhom, u jimna' l-ħlas ta' xi flus jekk jidhirlu li għandu jsir hekk.

### L-INSARA U L-MISILMIN

Dr. Xwierbi f'taħdita li għamel lill-Misilmin sħabu f'Washington, qal li l-Insara u l-Misilmin għandhom jingħaqdu qalb waħda u jiġġieldu biex jinqered l-Atejiżmu. Dawn iż-żewġ Djeniet, qal hu, huma ż-żewġ qawwiet kbar li baqa' li jistgħu jeħduha ma' għadu ta' din ix-xorta.

### IL-FESTA TAS-SALIB

Bħal ma dari saret il-festa tas-Sejba tas-Salib ġewwa l-ġiebja ħdejn il-Kalvarju. Kien hemm għadd kbir ta' Insara għax għalihom din festa mill-aktar għeżież, bħal ma dari kienet ukoll hawn Malta.

## AĦBARIJIET TA' MALTA

### GĦAJNUNA LIR-RIVISTA

Dawn li ġejjin, l-ismijiet ta' dawk in-nies li ħarġu xi flus bħala għajnuna lil din ir-Rivista:—

Karmena Micallef-Buhagiar, Lixandra (Eġittu), £1; Ġużeppi Micallef, Birkirkara, 10/-; Il-Perit Indrija Micallef, Ħal-Luqa, 10/-; Ġelsomina Agius, Ħamrun, 5/-; Don Mattew Magro, Qrendi, 5/-; Oreste Buhagiar, Ħal-Qormi, 5/-; Maria-Anna Vella, Ħamrun, 5/-; Filomen Agius, Furjana, 5/-; Ġużeppi Vella, Birkirkara, 3/; Marija Assunta Attard, Rabat, 3/; Marija Mangion, Imsida, 2/6; Ġuditta Cordina, Ħal-Qormi, 2/-; Franġisk Bezzina, 2/-.

Niżżuhom ħajr bil-qalb u nfakkruhom li l-Bambin iħallashom għal mitt darba li jagħmlu għall-Glorja Tiegħu.

### GĦOTIET GĦALL-ĦTIEĠA TAL-QABAR TA' KRISTU

Dolor Mifsud tat katina tad-deheb; Marija Buhagiar, 5/-; Konċetta Ciappara, 5/; Manwel Chetcuti, 5/-; Wenzu Mifsud, 5/-; Clara Micallef, 2/-; Manwela Sammut, 2/-. Għall-ħtiġijiet tal-Missjoni fl-Art Imqaddsa, Wenza Portelli tat 200 bolla u Ġorġina Saiden 100 bolla.

Niżżuhom ħajr u ngħidulhom li għall-ġid li jagħmlu lill-Art Imqaddsa u lill-Qabar għażiż ta' Kristu, ikun hemm dejjem min jitlob għalihom fl-Imkejjen Imqaddsa tal-Palestina.

### GĦALL-KNISJA L-ĠDIDA TA' NAZARET

Għall-knisja li qegħda tinbena f'Nazaret, fejn kienet id-Dar tal-Madonna, Ġużeppi u Karmni Azzopardi taw £1; Ġużeppi Fenech, £1-10-0; il-Każin L'Isle Adam, Rabat, £1; Saċ. Dun Ġwann Briffa-Brincat, £1.

Il-Madonna tberikom u tagħnihom bil-ħnieniet Tagħha.

### GĦAR-"RIFUĠJATI" TAL-PALESTINA

Il-qassis Dun Ġwann Briffa-Brincat ta wkoll £1 għall-ħtieġa ta' dawk in-nies li sfaw bla dar ħtija tal-ġlied bejn il-Għarab u l-Lhud fil-Palestina.

### "JISTRIEĦU FIS-SLIEM"

Nixtiequ li l-imseħbin tagħna jitolbu għar-ruħ għażiża ta' dawn li ġejjin,

li telqu minn din id-dijna qabilna, u li nieshom jixtiequna niftakru fihom fit-talb tagħna, biex huma wkoll mill-Ġenna jiftakru fina:—

Pawlina Attard, li mietet tas-Sliema, fis-26 t'April 1949; Konċetta Attard, li mietet ukoll tas-Sliema, fis-27 t'Awwissu 1950; Marku Ciappara, li miet il-Gżira fis-7 ta' Mejju, din is-sena; Mabbli Agius, li miet il-Kajr, fit-30 ta' Diċembru 1938; Ġużeppina Agius, li mietet ukoll il-Kajr, fid-9 ta' Diċembru 1945, u Louis Mifsud, li miet tas-Sliema, fid-29 ta' Mejju 1952. Fredu Zarb, tifel ta' 17-il sena li miet fil-baħar, S. Ġorġ, fit-12 ta' Ġunju dis-sena.

Min-naħa tagħna nisguraw lil qrabathom li l-erwieħ ta' dawn il-mejtin għeżież ikollhom dejjem sehem mill-Quddies li jitqaddes fuq il-Qabar ta' Krstu.

## TAGĦRIFA LILL-IMSEĦBIN

Ingħarrfu bil-ferħ lill-Imseħbin tagħna, li l-għadd tagħhom ma' tul is-sitt xhur li ilha toħroġ ir-Rivista, sebaq l-erba' mija. Dan ifisser li bil-għajnuna tal-ħbieb, ir-Rivista, tagħna u tagħhom, sejra tajjeb.

Imma billi l-għan tagħna hu, li fil-waqt li nagħtu lill-qarrejja kitba li tfarraġ, inżommu l-poplu Malti mgħarraf fuq l-Imkejjen Imqaddsa u fuq il-ħidmiet li qegħdin jaħdmu r-Rħieb ta' San Franġisk fil-Palestina, nixtiequ li jkollna għadd ta' Mseħbin kbir kemm jista' jkun.

Għalhekk nitolbu lil dawk li s'issa ssieħbu, biex kemm jistgħu jħajjru lil ħbiebhom li jissieħbu f'din ir-Rivista bħalhom. S'issa fl-ispejjeż għadna taħt ir-riħ, imma jekk l-imseħbin jiżdiedu sewwa, u b'hekk xi darba nkunu fuq ir-riħ, il-ħsieb tagħna hu li: jew li nżidulha l-faċċati; jew nibdew noħorġuha kull xahrejn flok kull tliet xhur; jew li nżejnuha b'ritratti aktar. Għal dan, jekk l-imseħbin jiżdiedu, lilhom infushom ikun jaqblilhom ukoll.

## JUM IL-QABAR TA' KRISTU

Mill-Għid il-Kbir 'il hawn, għamilna l-ġabra għall-Qabar ta' Kristu f'dawn il-knejjes li sa nsemmu: Il-Belt u r-Rabat, fil-Knisja ta' Ġieżu. Il-Belt ukoll: fil-Knisja ta' San Pawl u fil-Knisja tal-Ġeżwiti. Il-Kalkara; fil-Knisja ta' San Ġużepp. Il-Gżira: fil-Knisja tal-Ġebla. Iż-Żejtun; fil-Knisja ta' Santa Katarina. Tas-Sliema: fil-Knisja ta' S. Girgor.

Kull fejn morna l-Kappillani laqgħuna b'idejhom miftuħa u tawna l-għajnuna tagħhom kollha u n-nies laqgħuna tajjeb wisq ukoll. Niżżuħajr lir-Rev.di Kappillani, fuq kollox, u lill-poplu wkoll.

Nixtieqn li kulħadd iżomm quddiem għajnejh li l-flus li niġbru jmorru għall-ħtiġiet tal-Imkejjen Imqaddsa, u xi ħsara kbira tkun għall-Knisja Kattolka jekk għan-nuqqas ta' flus, nitilfu xi mkien minn dawn il-postijiet Imqaddsa, bħalma diġà tlifna. Ħtija tan-nuqqas ta' flus il-Qabar Għażiż tal-Madonna, li kien f'idejn il-Franġiskani, issa ilu mitejn sena f'idejn ix-Xiżmatki (mill-1757). Hemm, li qabel kien kollu tagħhom weħedhom, il-Kattolki ma għadx baqagħlhom ħlief il-jedd żgħir li jidħlu jgħidu ħames Pater, Ave u Glorja *darba biss* fis-sena.

Il-Post Imqaddes fejn twieled Ġesù, ġewwa Betlehem, li dari kien kollu tal-Kattolki, issa, il-Bażilka l-qadima, ta' żmien Santa Liena, qiegħda f'idejn ix-Xiżmatki u fil-Għar Imqaddes il-Kattolki ma għandhomx għajr artal wieħed. Fil-Bażilka tal-Qabar ta' Kristu wkoll, meta nħarqet (jew ħarquha) fis-sena 1810, il-Franġiskani, jiġifieri l-Kattolki, tilfu ħafna jeddijiet, għax dak iż-żmien, l-aktar ħtija tal-gwerer ta' Napuljun, ma kellhomx flus biex isewwuha.

Ġrajjiet bħal dawn jaqbel li nżommuhom xofa, u ma ninsewhom qatt.

---

**Cum permissu Superiorum et auctoritatis Eclesisiasticae**




Tipografia dei PP. Francescani - GERUSALEMME